**83. L-Onor. Louis Galea jipproponi:-**

Din il-Kamra,

Tqis li ddedikat tmien Seduti Sħaħ tiddiskuti mozzjoni mressqa mill-Ministru tal-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali biex il-Parlament, fit- 2 ta' Lulju 1997, approva t-twaqqif ta' Kummissjoni Nazzjonali dwar l-Edukazzjoni .

Tfakkar li fost il-funzjonijiet tagħha hemm li "flimkien ma'edukaturi, riċerkaturi soċjali, amministraturi, ġenituri, studenti u ażjendi kummerċjali u industrijali tiddentifika 1-ħteġijiet ta' Malta f'kull qasam tal-edukazzjoni u taħriġ fl-isfond tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali f'Malta"; u li " tagħmel rakkomandazzjonijiet għall-bidliet li jkun hemm bżonn biex 1-edukazzjoni f'Malta tkun waħda effettiva u tiżgura li 1-pajjiż ikollu nies bil-ħila meħtieġa għas-soċjetà u għall-ekonomija moderna tal-futur"; u wkoll li "tagħmel awditjar soċjali regolari dwar kif ikunu qegħdin jitmexxew u jingħataw is-servizzi edukattivi".

Innotat id-dokument pubblikat fil-bidu ta' dan ix-xahar mill-Ministru tal-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali intitolat " Tliet proposti għal diskussjoni dwar tibdil fis-sistema tal-istipendji għall-Università ".

Segwiet il-kontroversja pubblika li qanqlu d-dikjarazzjonijiet tal-Ministru li ħabbar li t-tibdil imsemmi ser jiġi implimentat fil-Budget li ser iressaq il-Gvern ftit ġranet oħra.

Rat li, minkejja li 1-materja hi ta' interess dirett għall-funzjonijiet tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar 1-Edukazzjoni, din il-Kummisjoni ġiet injorata kompletament.

Għaldaqstant,

Din il-Kamra, titlob lill-Gvern jissosspendi kull deċiżjoni dwar tibdil fl-istipendji għall-Università, u immedjatament jirreferi 1-prosposti ta' tibdil fis-sistema tal-istependji lill-Kummissjoni biex din twettaq id-dmirijiet mogħtija lilha minn dan il-Parlament b'riferenza partikolari għal din il-kwestjoni, u b'hekk kull min hu involut ikun jista' japprezza 1-impatt tal-bidliet li 1-Gvern qed jikkonsidra u b'hekk jiġi assigurat li jittieħdu d-deċiżjonijiet li huma fl-aqwa interess tal-pajjiż.

14.10.1997